MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2003

Kawza fil-lista: 79

***A B***
**vs**
***C* sive *D B***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-konvenut ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Ottubru 1990 [recte: 1982], u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal li tnejn minnhom ghadhom minorenni [illum saru maggjorenni]; "li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta, u senjatament l-adulterju, eccessi, mohqrija u ngurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jressaq l-

istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn l-attur, jew li l-attur jinghata access ampju ghal uliedu minuri; [3] tordna li l-konvenuta thallas lilu manteniment, ghalih u ghal ulied minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Matla; [5] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [6] tinnomina nutar pubbliku biex jircevi l-att opportun; [7] tordna li l-konvenuta tikkunsenja lill-attur l-assi parafernali tieghu; [8] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza eventwali; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha: cahdet dak imputat lilha bhala htija ghas-separazzjoni u opponiet ghat-talbiet kollha, hlief ghat-talbiet numri hamsa, sitta u tmienja;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 261/03NC fl-ismijiet inversi;

Rat id-diversi verbali li permezz taghhom il-kawza, fuq talba taz-zewg partijiet, giet differita ghac-cessjoni, stante li l-partijiet kienu qed jippruvaw jitransigu;

Rat li fil-mori tal-kawza, il-partijiet waslu ghal ftehim dwar l-assi, tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni ta' l-assi ppubblikat minn Nutar Dottor Annalise Micallef fit-13 ta' Awissu 2008;[1]

Rat li l-partijiet, ghalkemm talbu diversi differiment ghal dan il-ghan, baqghu ma pprezentawx noti tal-osservazzjonijiet;

Rat il-verbal registrat mill-konvenuta fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2009 li permezz tieghu talbet li [1] tintlaqa' l-ewwel talba; [2] jigi rizervat id-dritt taghha tal-

---

[1] Cit.35/03 – fol.72 *et seq.*

manteniment; [3] tigi ordnata d-dekadenza fil-konfront tal-konvenut; [4] jigu rilaxxjati l-ircevuti tal-Monte di Pieta' esebiti a fols.188 sa 191 tal-process, b' referenza ghax-xhieda taghha a fols.252 *et seq*. tal-process; [5] li l-attrici tigi awtorizzata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Micallef;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-kapitlu16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll qed jitlob sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tichad dak imputat lilha mill-attur; filwaqt li fil-kawza 261/03NC, qed titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 ta' l-imsemmi kapitlu.

Illi dwar il-vertenzi fuq is-separazzjoni personali, il-kura u kustodja tat-tfal, il-manteniment, il-komunjoni ta' l-akkwisti u l-proprjeta' parafernali, il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tas-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fil-kawza 261/03NC fl-ismijiet inversi u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghmula fl-istess sentenza, flimkien mal-konkluzjonijiet hemm raggjunti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, principalment bi htija tal-konvenuta, u sekondarjament bi htija ta' l-istess attur;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li dan il-kap jinsab sorvolat;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba' talba;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u tas-sitt talba, stante tranzazzjoni bejn il-partijiet;
[6] tilqa’ is-seba’ talba, u tordna li fi zmien gimgha l-konvenuta tikkonsenja lill-attur ic-choker u l-gizirana, proprjeta’ parafernali ta’ l-attur, kemm-il darba ghadhom fil-pussess taghha;
[7] tilqa’ t-tmien talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenuta, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------